# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew

## *(BĊE/2013/17)*

(2013/359/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), u b'mod partikolari l-Artikoli 29.4 u l-Artikolu 48.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 46.2 tal-Istatut tas-SEBĊ,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2008/23 tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE [1] stabbilixxiet, b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, l-ippeżar assenjat lil dawk il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) li kienu membri tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Jannar 2009 fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn hawn 'il quddiem 'l-ippeżar fl-iskema tal-kapital' u 'l-iskema tal-kapital' rispettivament).

(2) Minħabba d-dħul tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea u li l-BĊN tagħha, Hrvatska narodna banka, jingħaqad fis-SEBĊ fl-1 ta' Lulju 2013, il-kapital sottoskritt tal-BĊE għandu jiżdied b'mod awtomatiku bis-saħħa tal-Artikolu 48.3 tal-Istatut tas-SEBĊ. Din iż-żieda teħtieġ il-kalkolazzjoni tal-ippeżar tal-iskema tal-kapital ta' kull BĊN illi ser ikun membru tas-SEBĊ fl-1 ta' Lulju 2013 b'analoġija mal-Artikolu 29.1 u b'konformità mal-Artikolu 29.2 tal-Istatut tas-SEBĊ.

(3) B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/517/KE tal-15 ta' Lulju 2003 dwar id-data statistika li għandha tintuża għal l-aġġustament tal-formula għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [2], il-Kummissjoni Ewropea forniet lill-BĊE bid-dejta statistika li trid tintuża meta tiġi stabbilita l-iskema tal-kapital aġġustata.

(4) B'analoġija mal-Artikoli 3.5 u 6.6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew [3], u minħabba l-kontribut tal-Kunsill Ġenerali għal din id-Deċiżjoni, il-Gvernatur tal-Hrvatska narodna banka kellu l-opportunità jissottometti osservazzjonijiet fir-rigward ta' din id-Deċiżjoni qabel l-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Aġġustament**

Fejn il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi dejta statistika reveduta sabiex tintuża fl-aġġustament tal-iskema tal-kapital u l-figuri ma jlaħħqux il-100 %, id-differenza għandha tkun ikkumpensata kif ġej: (i) jekk it-total ikun ta' anqas minn 100 %, billi jizdied 0,0001 ta' punt perċentwali mal-izgħar sehem (ishma) f'ordni axxendenti sakemm jintlaħaq il-100 % ezatt, jew (ii) jekk it-total ikun ogħla minn 100 %, billi jitnaqqas 0,0001 ta' punt perċentwali f'ordni dixxendenti mill-akbar sehem (ishma) sakemm jintlaħaq il-100 % ezatti.

*Artikolu 2*

**L-ippeżar fl-iskema tal-kapital**

L-ippeżar assenjat lil kull BĊN fl-iskema tal-kapital deskritta fl-Artikolu 29 tal-Istatut tas-SEBĊ u jkun kif ġejn b'effett mill-1 ta' Lulju 2013:

| | |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 2,4176 % |
| Българска народна банка/Bank Nazzjonali Bulgaru | 0,8644 % |
| Česká národní banka | 1,4539 % |
| Danmarks Nationalbank | 1,4754 % |
| Deutsche Bundesbank | 18,7603 % |
| Eesti Pank | 0,1780 % |
| Central Bank of Ireland | 1,1111 % |
| Bank of Greece | 1,9483 % |
| Banco de España | 8,2533 % |
| Banque de France | 14,1342 % |
| Hrvatska narodna banka | 0,5945 % |
| Banca d'Italia | 12,4570 % |
| Central Bank of Cyprus | 0,1333 % |
| Latvijas Banka | 0,2742 % |
| Lietuvos bankas | 0,4093 % |

(1) ĠU L 21, 24.1.2009, p. 66.
(2) ĠU L 181, 19.7.2003, p. 43.
(3) Deċiżjoni BĊE/2004/12 tas-17 ta' Ġunju 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 230, 30.6.2004, p. 61).

| | |
|---|---|
| Banque centrale du Lussemburgu | 0,1739 % |
| Magyar Nemzeti Bank | 1,3740 % |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 0,0635 % |
| De Nederlandsche Bank | 3,9663 % |
| Oesterreichische Nationalbank | 1,9370 % |
| Narodowy Bank Polski | 4,8581 % |
| Banco de Portugal | 1,7636 % |
| Banca Națională a României | 2,4449 % |
| Banka Slovenije | 0,3270 % |
| Národná banka Slovenska | 0,6881 % |
| Suomen Pankki | 1,2456 % |
| Sveriges riksbank | 2,2612 % |
| Bank of England | 14,4320 % |

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u tħassir**

1. Din id-Deċizjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2008/23 hija mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

3. Ir-referenzi għal Deċiżjoni BĊE/2008/23 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI